# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Diċembru 2024**

**Nru: 23**

**Rikors Nru. 1248/2024**
**ta'**
**Neriman Associates S.A.**
**rappreżentata mill-avukat Dr Cedric Mifsud**
**fl-atti tal-mandat eżekuttiv ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar**
**bin-numru 1236/2024**
**fl-ismijiet**

## Kroll Trustee Services Limited

**v**

## Il-Bastiment M/V Jay 1

1. Neriman Associates S.A. ("Neriman") qiegħda titlob li l-mandat eżekuttiv imsemmi hawn, maħruġ fuq talba ta' Kroll Trustee Services Limited ("Kroll"), jitwarrab bis-saħħa tal-art. 281 tal-Kap. 12.

2. Neriman tgħid li, għall-għanijiet tal-art. 281, hi parti interessata, u allura li għandha l-jedd li titlob ir-rimedju maħsub f'dak l-artikolu. Tgħid li l-interess tagħha jeżisti għaliex hi ħallset US$8,350,103.82 biex tixtri l-bastiment M/V Jay 1 lil sid il-bastiment, Dreter 1 Limited, iżda l-istess sid ma kkonsenjax il-bastiment lilha u, għalhekk '[Neriman] għandha pretensjoni ta' titolu fuq il-bastiment'. Tgħid ukoll li minkejja li hi ħallset il-prezz, Dreter 1 Limited biegħet il-bastiment lil Goldfinch Shipping 1 Limited, u tispjega kif il-'mertu ta' dina l-pretensjoni qedgha tinstema' quddiem il-Qrati Inglizi'.

3. Jekk ngħaddu issa għall-bażi sostantiv tat-talba ta' Neriman insibu li hi tgħid li l-mandat għandu jitwarrab għaliex l-att eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-mandat hu difettuż; għaliex l-ammont mitlub minn Kroll hu eżaġerat; u għaliex it-transazzjoni bejn Dreter 1 Limited, Goldfinch 1 Shipping Limited u Kroll hi *mise en scène* biex Neriman tiġi ffrodata.

4. Fi proċeduri dwar dik li tidher li hi *sister ship* tal-bastiment in kwistjoni – *Kroll Trustee Services Limited v Il-Bastiment M/V Jay 2*[1] - il-qorti kellha tqis ċ-ċirkostanzi kważi identiċi għal dawk f'dawn il-proċeduri. Il-qorti dehrilha li l-kumpannija li talbet li jitwarrab il-mandat eżekuttiv ma kellhiex il-jedd li tagħmel it-talba. Dan għaliex (i) ma rriżultax li dik il-kumpannija kellha relazzjoni mas-sid attwali tal-bastiment, imma relazzjoni mas-sid ta' qabel; (ii) il-pretensjoni fil-mertu li ressqet dik il-kumpannija tressqet (fl-Ingilterra) kontra s-sid ta' qabel tal-bastiment u mhux kontra s-sid attwali jew kontra l-bastiment, u mhux qed jintalab ebda rimedju li jista' jolqot lis-sid attwali jew lill-bastiment; u (iii) il-mandat kawtelatorju li kien inħareġ kontra l-bastiment ma ġiex segwit b'kawża.

5. Dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw bl-istess mod f'dawn il-proċeduri. Neriman għandha jew kellha relazzjoni kontrattwali ma Dreter 1 Limited, mhux ma Goldfinch 1 Shipping Limited jew ma' Kroll. Veru li ottjeniet mandat kawtelatorju kontra l-bastiment, imma ma segwietux b'kawża.[2] U l-kawża li tressqet fl-Ingilterra hi kontra Dreter 1 Limited biss, u hi għal ksur tal-kuntratt bejn Neriman u Dreter 1 Limited.

6. Filwaqt li l-qorti tapprezza l-loġika tad-deċiżjoni f'*Kroll Trustee Services Limited v Il-Bastiment M/V Jay 2*, il-fatt li, s'issa, Neriman ma ressqitx proċeduri fil-mertu kontra Kroll, Goldfinch 1 Limited u l-bastiment (jew wieħed jew iktar minnhom) ma jfissirx li Neriman ma għandhiex il-possibilità li tagħmel hekk, speċjalment fir-rigward tal-pretensjoni tagħha li t-transazzjoni bejn Kroll, Goldfinch 1 Limited u Dreter 1 Limited kienet *mise en scène*.[3] L-art. 281 jitlob biss interess u dan, fil-fehma tal-qorti, hu evidenti mill-pretensjoni li qed tressaq Neriman. L-artikolu ma jitlobx li l-parti li tressaq talba biex jitwarrab mandat trid bilfors tkun mexxiet fil-mertu fuq il-pretensjoni tagħha.

7. Il-qorti għalhekk mhix sejra tiċħad it-talba għal nuqqas ta' interess.

---

[1] Rikors 897/2024 wara l-mandat ta' arrest 1237/2024, deċiż fit-23 ta' Settembru 2024
[2] Ara risposta ta' Kroll, para. 14
[3] Ara r-risposta ta' Kroll, para. 13

8. Jekk induru għall-mertu, dak li jista' jintalab b'rikors taħt l-art. 281 hu li att eżekuttiv jitwarrab għal raġuni tajba. Dan jitlob reviżjoni tal-atti innifsu, u li jiġi aċċertat li l-att seta' jinħareġ. Imma ma jagħtix lok għal stħarriġ dwar it-titolu eżekuttiv li, a bażi tiegħu, jkun inħareġ l-att; lanqas ma jagħti lok għal stħarriġ dwar kif ġie reż eżekuttiv it-titolu. Wisq anqas ma jagħti lok għal stħarriġ ta' allegazzjoni ta' frodi fir-rigward tat-transazzjonijiet li wasslu għat-titolu eżekuttiv.[4]

Għalhekk, billi Neriman ma raġuni tajba biex jitwarrab il-mandat in kwistjoni, ir-rikors tagħha hu miċħud.

Bl-ispejjeż kontra Neriman.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[4] Ara 1451/23/1 *Raymond Fenech v Charmaine* Zammit, Qorti tal-Appell, deċ. 14 ta' Marzu 2024.